## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 20 ta' Novembru, 2015**

**Talba Nru: 513/15 DMA**

**Carwise Limited**
**C 18718**

**Vs**

**Joseph Vassallo**
**ID. 546580M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Lulju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mija u wiehed Ewro u dsatax-il Ewro centezmu (€2,101.19) rapprezentanti hlas ta' servizzi mekkanici kif ukoll provista ta' parts fuq il-vettura tal-marka BMW targata bl-ittri FCA-963, liema prestazzjonijiet gew ordnati mill-konvenut u dana kif ser jirrizulta fil-kors ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici umilment titlob lil dan it-Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara illi fil-konfront ta' Joseph Vassallo, is-socjeta' attrici hija kreditrici fis-somma ta' elfejn mija u wiehed Ewro u dsatax-il Ewro centezmu (€2,101.19) rapprezentanti hlas ta' servizzi mekkanici kif ukoll provista ta' parts fuq il-vettura tal-marka BMW targata bl-ittri FCA-963;

2. Jikkundanna lil Joseph Vassallo ihallas dan l-ammont lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra legali datata s-sbatax (17) ta' Gunju, tas-sena elfejn u hmistax (2015), tal-mandat ta' sekwestru, u bl-imghax skond il-Ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, bl-ingunzzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fejn fl-4 ta' Awissu, 2015 eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, l-infondatezza tat-talbiet attrici stante illi x-xogholijiet li kellha taghmel is-socjeta' attrici, m'ghamlithomx skond is-sengha u l-arti u dan wara li hija zammet il-vettura de quo ghandha ghal madwar sitt (6) xhur! Illi l-interventi li hija wettqet ma kienu ta' ebda utilita' ghall-esponenti, u dan kif ser jigi ampjament dimostrat:

2. Illi inoltre, bl-interventi taghha, is-socjeta' attrici wettqet dannu a karigu tal-esponenti konsistenti fi hsarat ulterjuri fl-istess vettura, u liema hsarat ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-problemi inizjali tant illi l-esponenti kellu jaghmel ir-riparazzjonijiet originali kif ukoll riparazzjonijiet necessitati bix-xoghol hazin tas-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ampjament ippruvat u kif qieghed jigi dedott fil-kontro-talba prezentata kontestwalment;

3. Illi in ogni kaxz, u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost u filwaqt li jigi ribadit li ma hemm ebda ammont dovut lis-socjeta' attrici, is-socjeta' attrici trid tipprova kif waslet ghall-ammont minnha mitlub.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Kontestwalment ipprezenta kontro talb fejn talab l-esponenti umilment jitlob lil dan it-Tribunal sabiex filwaqt li jichad it-talbiet attrici joghgbu jiddikjara u jiddecidi in linea rikonvenzjonali li s-socjeta' attrici rikonvenzjonata ghandha prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna u neccessarja tigi ddikjarata responsabbli versu l-konvenut rikonvenzjonat ghal hlas ta' danni fl-ammont ta' elf, disa' mija sebgha u erbghin ewro (€1,947) rapprezentanti danni dovuti lill-esponenti kagunati minhabba n-nuqqasijiet tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata meta wettqet interventi fuq il-vettura tal-esponenti tal-marka BMW bin-numru ta' registrazzjoni bl-ittra FCA 963, u liema danni jikkonsistu f'ammont sbursat mill-esponenti f'xogholijiet li kellhom isiru ghand terzi u prezz ta' kiri ta' vettura ghall-parti miz-zmien li din ghamlet sabiex tissewwa, u tikkundanna lill-istess socjeta' attrici ghall-hlas ta' dan l-ammont.

Bl-interessi u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-effettiv pagament, u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti.

Is-socjeta' attrici ipprezentat risposta ghal kontro talba u eccepiet illi t-talbiet tal-intimat rikonvenzjonant huma nfondati fil fatt u fid-dritt stante li x-xogholijiet fuq il-vettura BMW targata FCA-963 saru skond is-sengha u l-arti kif ser jigi ppruvat waqt il-kors tal-kawza. Ghal dan il-ghan kellhom jinfethu dawn il-proceduri, tenendo kont li l-intimat rikonvenzjonant naqas milli jhallas lis-socjeta' attrici rikonvenzjonanta s-somma ta' elfejn mija u wiehed Ewro u dsatax-il Ewro centezmu (€2,101.19) rapprezentanti ta' servizzi mekkanici kif ukoll provista ta' parts fuq il-vettura in kwistjoni, liema servizzi gew ordnati mill-intimat rikonvenzjonant.

It-Tribunal sema' zewg partijiet u intqal illi l-konvenut ha l-vettura ghat-tiswija ghas-socjeta' attrici. Din il-vettura baqghet ghand is-socjeta' attrici bejn Awissu y l-ahhar ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-konvenut qal illi wara li ha l-vettura beda hierreg xi zejt mill-magna u rega hadha lura. Is-socjeta' attrici ghamlet kartuna fil-magna u tghathielu lura. Il-konvenut mar ghand mekkanik iehor u kellu jerga johrog l-ispejjez li kien qed jitlob fil-kontro-talba.

Is-socjeta' attrici min-naha taghha qalet illi l-vettura damet ghandha pero l-konvenut kien konsapevoli ta' dan tant illi tawh vettura ohra biex jinqeda. Qalet ukoll illi l-kartuna saret biex ikunu jafu minn fejn hiereg iz-zejt. Qalu li l konvenut biex wara gimgha jerga jmur pero dan baqa ma marx u lanqas hallas.

It-Tribunal wara li semgha l-provi u qies dak kollu neccessarju quddiemu huwa tal-fehma illi s-socjeta' attrici rnexxilha tipprova dak li ghandha tiehu minghand il-konvenut. Pero min-naha tieghu l-konvenut ma rnexxilux jipprova illi l-ispejjez li ghamel u li qed jitlobhom fil-kontro-talba huma rizultat jew ghandhom mess max-xoghol li ghamlet is-socjeta' attrici.

Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konevnut ihallas is-somma ta' elfejn mija u wiehed Ewro u dsatax-il Ewro centezmu (€2,101.19) lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Fl-istess waqt jichad il-kontro-talba.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**